# ITE AD JOSEPH– MORRU GHANDU GUZEPPI



Jekk ahna nqisu li s-sehem li ta Alla lil San Guzepp, meta hatru kap tas-Sagra Familja, juri l-kobor ta' dan il-qaddis, allura bl-eccezzjoni ta' Marija Santissima, hadd ma hu akbar minn San Guzepp.

Alla ghazlu biex bhala Kap tal-Familja Qaddisa, huwa jipprovdi l-ghexien taghha u jharisha minn kull hemm; kellu jkun l-gharus l-aktar kast u pur ta' Omm Alla u l-missier putattiv ta' Gesu' Kristu.

Il-Kelma Inkarnata, il-Mulej u r-Re tas-Sema u l-art, kien sottomess ghalih u jobdih; hekk kienet l-Imqaddsa Vergni Marija, l-aktar qaddisa fost il-kreaturi kollha.



Sakemm miet huwa ghex fil-kumpannija ta' Marija u maghha qasam il-ferh u n-niket taghha u kien fuq kollox il-harries tal-vergnita' taghha u l-maternita' divina taghha.

Kellu l-privilegg li jhaddan it-tarbija qaddisa ma' sidru u li bix-xoghol tieghu jipprovdi ghall-htigijiet taghha u ta' ommu Marija.

F'dan ir-rigward San Guzepp huwa aqwa mill-angli ghax hadd minnhom ma kien moghti missjoni hekk sublimi.

Ghal din ir-raguni ahna ghandha nuruh imhabbitna u d-devozzjoni taghna bl-istess mod li huwa kien ihobb lil gharusa immakulata tieghu, Marija u lil binha Gesu'.



Fiducjuzi li huwa certament jharisna, ahna ghandna nafdaw fl-intercessjoni tieghu quddiem Alla flimkien ma' l-intercessjoni ta' martu Marija Ssma.

Fil-bzonn taghna nduru lejn San Guzepp. Ghandu qawwa kbira ghaliex l-gharusa tieghu mqaddsa ma tirrifjutalhu xejn u Iben Alla jhobbu b 'imhabba li iben ghandu lejn missieru. Hu ghex ghal Gesu' u Marija hajtu kollha u bata' ghalihom, periklu u ezilju minhabba fihom.

Hadd fid-dinja ma habbhom bhalu.

Huwa mpossibli li jkunu michuda il-favuri li huwa jitlob ghan-nom taghna u li ahna ghandna niehdu opportunita li nresquhomlhu.

Ejjew nersqu lejh bil-fiducja, imma niftakru li mod ta' kif huwa



jismaghna huwa billi nimitawh fil-virtu, specjalment fl-umilta', l-ispirtu tat-talb tieghu, il-purita' tieghu u x-xewqa tieghu kontinwa li jaghmel dejjem ir-rieda ta' Alla.

*HSIEB MIKTUB MILL-KARDINAL ANTONIO BACCI.*